MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 101/2004

Teddy u Jennifer Miriam konjugi Zammit .

VS

Direttur Registru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew :

Illi huma ghandhom tifel li jismu Maurice Gaetano kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-maghmudija hawn anness u markat bhala Dok ‘A’ ;

Illi fic-certifikat tat-twelid anness numru 116/04 u markat Dok ‘B’ hemm zball fil-kolonna ismijiet moghtijin fis-sens illi minflok : “Maurice, Gaetano, Carmelo” ghandu jkun hemm Maurice Gaetano, Carmelo, John” .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid numru 116/04 billi fil-kolonna ismijiet moghtija "Maurice, Gaetano, Carmelo" ghandu jkun hemm "Maurice Gaetano, Carmelo, John" .

Bl-ispejjez u l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi kkonfermata bil-gurament ta' l-attur Teddy Zammit .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument 'A' certifikat tat-twelid ta' iben l-atturi, u bhala dokument 'B' certifikat tal-maghmudija ta' l-istess tifel ta' l-atturi .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa :

1. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-att tat-twelid, id-Direttur Registru Pubbliku rregistra "Maurice, Gaetano, Carmelo", bhala isem bin l-atturi kif gie ndikat lilu mill-genituri atturi ;

2. Illi jekk hemm xi zball fl-isem tal-attrici, dan l-izball hu tort tal-atturi ;

3. Illi salv il-premess, huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi .

4. Illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-atturi u f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat ukoll id-degriet taghha tat-28 ta’ Settembru, 2004, fejn laqghet it-talba ta’ l-atturi li jipprocedu din il-kawza permezz ta’ l-ghajnuna legali .

Semghet lill-attur illum stess jikkonferma bil-gurament il-kontenut tac-citazzjoni, u cioe’ illi l-isem li huwa maghruf bihom it-tifel taghhom huwa ‘Maurice Gaetano’ u mhux Maurice biss kif indikat fil-kolonna illi tirrigwardja ‘Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’, fid-dokument ‘B’, anness mac-citazzjoni .

Il-Qorti ghal hekk billi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid numru mija u sittax tas-sena elfejn u erbgha (116/2004), billi fil-kolonna Ismijiet moghti “Maurice Gaetano Carmelo”, ghandu jkun hemm minflok l-ismijiet “Maurice Gaetano, Carmelo, John” .

In vista tan-natura ta’ din il-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------